Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 4 / 2017**

Il-Pulizija

(Spettur Lara Butters)

(Spettur Joseph Mercieca)

vs

**Alex Junior Mamo**

Illum, 28 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Probation Officer Saviour Lia datat 23 ta' Novembru, 2016 li bih ghamel denunzja quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 28 (G) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fejn irrileva is-segwenti:-

1. Illi bis-sentenza tat-22 ta' Awwissu 2016 , ir-rikorrenti Saviour Lia kien gie appuntat bhala ufficcjal tal-Probation tad-denunzjant Alex Junior Mamo karta ta' identita numru 317698(M) u minghajr indirizz fiss.
2. Illi d-denunzjant naqas li joqghod ghad-direttivi tal-Ufficcjal tal-Probation li jgib ruhu sew sabiex jkun jista jibqa' fl-akkomodazzjoni fejn kien qieghed joqghod bil-konsegwenza li hu spicca minghajr post fejn jirrisjedi.
3. Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi mhux jkun possibli li jithejja pjan ta' kura li jindirizza l-htijiet ta' Alex Junior Mamo .

Ghalhekk talab li jittihdu l-mizuri li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-rikors tad-denunzjant appellanti Alex Junior Mamo minnu pprezentat fl-10 ta' Jannar, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja u tbiddel is-sentenza moghtija

mill-Ewwel Onor. Qorti billi tiddikjara li m' ghandhiex tigi fis-sehh is-sentenza tat-22 ta' Awwissu 2016 u minflok testendi l-istess sentenza sospiza dana dejjem taht dawk ic-cirkostanzi li jidhru xierqa lil din l-Onor. Qorti.

Rat l-aggravji tad-denunzjant appellant u cioe' :-

Illi l-Ewwel Onor. Qorti ma messitx gabet fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija moghtija mill-ewwel Qorti tal-magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-22 ta' Awwissu, 2016 u dana billi dak li inqala' kien semplicement disgwid bejn l-ufficjal ta' Probation u r-rikorrenti.

Illi ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti ma qaghdx ghal dak kollu mitlub mill-Ufficjal Saviour Lia dana kien rizultat tal-fatt li ma kienx hemm komunikazzjoni siewja bejn l-ufficjal u r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti ezaminat il-provi li gew imresqa in sosten tad-denunzja prezentat mill-Ufficcjal tal Probabtion Saviour Lia.

Rat li l-Ufficcjal tal-**Probation Saviour Lia** kien xehed nhar id-29 ta' Novembru, 2016 u dan spjega li kien beda isegwi lid-denunzjant minn meta harget is-sentenza b'ordni ta' supervizjoni fit-22 ta' Awwissu, 2016 meta d-denunzjant kien qieghed jinzamm fl-isptar Monte Carmeli fl-MSU (Maximum Security Unit) u dan ghaliex ma kellux post fejn joqghod. Jigifieri kienet cara min naha ta' l-isptar li kienu qed izommu lil Alex

mhux ghax kien jirrikjedi kura partikolari izda ghaliex ma kienx hemm post fejn joqghod .

Mill-verifiki li ghamel mas-social worker li isegwih min naha tal-Appog irrizulta li ma kien hemm l-ebda post fil-prezent li seta jaghti post lil Alex u kien hemm numru ta' postijiet fejn hu kien tkecca minnhom fil-passat u mhux lesti li jergghu jikkunsidrawh.

F'Ottubru, 2016 gie mgharraf li kien gie *discharged* fl-14 ta' Ottubru b'mod immedjat minn Mount Carmel Hospital minhabba li ma kienux lesti li jibqghu izommuh minhabba li dan ma kienx jehtieg kura u l-unika post li setghu isibu kien ghand certu patri Adrianu Cachia fejn dan offra li jzomm lil Alex u joffrilu akkomodazzjoni fil-post tieghu. Madankolu dan ma kienx qed jitqies bhala l-ahjar post ghal bzonnijiet ta' Alex ghal htigijiet tieghu pero ma kienx hemm alternattiva ohra. Alex kien bla flus, ma kellux l-ebda mezz biex jaffordja jghix ghal rasu. Il-pjan kien car ma Alex li minkejja id-diffikultajiet li seta jsib fuq il-post hu ried jaghmel hiltu biex izomm ma dawk il-kundizzjonijiet u joqghod hemmhekk.

Sadanitant baqa' jesplora x'jista jsir u kif ukoll pprova jghinuh jesplora x'jista' jsir u kif ukoll pprovaw jghinuh biex forsi jiehu benfeccju sabiex ikun jista' jghix ghal rasu u jaffordja l-kera.

Madankollu ma kienx hemm bizzejjed ghax lejn l-bidu ta' Novembru hu kien tkecca minghand Patri Adrianu peress li kellu kunflitt mieghu meta l-patri ghamililu cara li ma kienx lest li jzommu u kellu jghamel ghaxart ijiem '*emergency shelter*' f'Dar Emmaus f'Ghawdex. Hemmhekk is-sitwazzjoni kienet cara mill-bidu li huma setghu izommuh biss sa ghaxart ijiem u ma setax idum aktar minn hemm. Infatti wara ghaxart ijiem ezatt, huwa twaqqaf milli jirrisjedi hemm. Sadanitant l-isforzi kollha biex jinsab placement jew xi home ma kienitx possibli. Huma pprovaw anke postijiet li kien diga fihom imma kulhadd ghamilha cara li ma kienx lest li jilqghu. Wara li spicca minn Dar Emmaus fuq inizjattiva ta' Alex hu baqa' sejjer l-isptar Monte Carmeli pero dawn zammewh biss ghal zmien temporanju.

Huwa ghenu sabiex ikollu akkomodazzjoni f' *guest house* u fil-fatt sid il-*guest house* baxxa ir-rata biex ighinu anke ghenu fir-rigward ta' l-ikel. Ghenu ukoll sabiex jibda jircievi l-ghajnuna socjali f' dak l-indirizz u kien qed jigi mghejjun biex isib xoghol. Dan kien kollu l-pjan ta' xaghar. Ghamilhielu cara li jekk ma jobdix l-kundizzjoni tal-fond huwa kien ser jispicca bla post fejn jghix.

Spjega li huwa wasal ghal din id-denunzja ghaliex Alex ma zammx mal-pjan originali sabiex isegwi il-kundizzjonijiet ghand Patri Adrianu u fil-verita meta hemm persuna li ma ghandhiex fejn toqghod u qed tghix f'din l-inabilita kollha jintilef l-iskop ta' l-Ordni ta' Supervizjoni u ma jistax jithejja pjan ta' kura. Spjega li meta Alex ikollu dawn il-placements ikun hemm problemi ta nuqqas ta' kontrol fl-imgieba tieghu u jkun vjolenti kull meta jkun hemm dawn it-tip ta postijiet u x'hin jigu biex jaffrontawh l-argument jeskala u jitlef il-kontrol.

Qal li kien hemm diversi kazijiet li anke spiccaw involuti l-pulizija fil-fatt kien hemm anke kaz pendenti il-Qorti dwar incident li sehh f'wiehed mill-homes . Fil-fatt jghid li ghandu lista tal-homes li gie imkecci minnhom. Jghid li din inghatat lilu meta beda isegwih izda huwa ghamel kuntatt maghhom u dawn ikkonfermaw li ma jridux jafu bid-denunzjant.

Rat ukoll in-nota tal-Ufficcjal tal-Probabtion datata 21 ta' Diembru, 2016 esebita fl-atti a fol. 141 et seq. Dan spjega li wara kien xehed il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2016, Alex mar jghix *f'Bed and Breakfast* imsejha '*The Burrows*' gewwa hal Tarxien u kienet qed tigi imhalsa min persuna anonima li kienet f'kuntatt mas-social worker Victoria Bugeja pero din kienet possibli ghal ftit gimghat ghaliex il-flus li kienu disponibbli kienu ikopru ftit gimghat. L-ghan kien sabiex f'dawn it-tlett gimghat Alex ifittex impieg u wara jikri flat bl-irhis M'scala, ghalhekk kien jehtieg il-ko operazzjoni min naha tieghu sabiex dan l-pjan jirnexxi. Is-social worker ghamlet kuntatt ma persuna li kien lest li jimpjegah pero Alex ma naqas li jattendi dan l-appuntament minghajr pre avviz. Meta ikkonfrontat b'dan, stqarr li kien nefaq il-flus li kien inghata mis-social worker ghat-trasport fuq sigaretti u ghalhekk ma kellux biex imur ghall-appuntamenti b'hekk ic-cans ghal dan l-impieg intilef ukoll.

FI-15 ta' Dicembru, 2016 Alex gabar is-somma ta' mitejn euro (€200) ghal xoghol li kien ghamel qabel gewwa Dar ta' l-anzjani u huwa taht id-direttiva sabiex ipoggi is-somma ta' €130 minnhom fil-bank u dan ghaliex kien ser jispicca bla post ta' akkomodazzjoni . Alex qabel ma dan is-suggeriment u stqarr li kien ser jghamel hekk pero meta fl-20 ta' Dicembru iz-zmien fil-*bed and breakfast* kien spicca u ghalhekk bdew ifittxu hostels bl-irhis dan stqarr li kien nefaq il-flus pero ma qalx fuq xhiex. Ghalhekk ma baqa' l-ebda alternattiva fejn Alex seta jmur jghix. Minn kuntatt li ghamel mieghu fil-21 ta Dicembru, 2016 dan stqarr li kien raqad barra u l-uniku flus li kellu fuqu kien ta' €35 euro li hu inghata minn '*xi hbieb*'.

Ghalhekk ikkonkluda li ma kienx possibli li jithejja pjan ta' kura sabiex jigi indirizzat l-bzonnijiet tal-koncernat u dan minhabba in-nuqqas ta' kooperazzjoni tieghu u kif ukoll minhabba nuqqas ta' postijiet u rizorsi addattati ghal bzonnijiet individwali tieghu.

Fid-29 ta' Dicembru 2016 xehdet l-**Ufficcjal tal-Probabtion Rona Custo** u spjegat li bil-€35 li kellu Alex irnexxilu jghaddi zewgt iljieli *f'guest house* Hal Tarxien u tghid li hija ipprovat iccempillu divesi drabi izda ma wegibhiex u ma tafx x'sar minnu.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2020 l-appellant iddikjara li kien qed ighix fi flat 4, Giraosle Flats, Triq in-Narcis, Xewkija u d-difiza talbet li jkun hemm pre sentencing report stante li kien ghadda zmien konsiderevoli miz-zmien tal-kommissjoni tar-reat. L-Avukat Generali ma kellux oggezzjoni u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Parole u Probation sabiex jappunta kandidat idoneju ghal dan il-ghan.

Fl-1 ta' Lulju 2020 l-Qorti giet avzata permezz ta' nota prezentata fir-registru ta' din il-Qorti minn Senior Probation Officer Antonella Debono li l-ufficjal tal-probation nominata sabiex thejji dan il–pre sentencing report hi Annabel Bugeja.

Illi nhar l-14 ta' Lulju, 2020 xehdet il-**Probation officer Annabel Bugeja** u pprezentat il-Pre-sentencing report taghha li gie markat bhala dok PSR. Qalet li anness ma dan ir-rapport hemm rapport imhejji minn psikologu u d-difiza ezentat il-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lil dan il–psikologu biex jikkonferma il-kontenut ta' dan ir-rapport.

Il-qorti ezaminat dan ir-rapport fid-dettal tieghu u dan ghaliex riedet tkun taf x'wassal lill-akkuzat appellant sabiex jibda il-hajja kriminali tieghu f'eta daqstant zghira u cioe ta' sittax-il sena u ghaliex fil-fatt ghamel zmien konsiderevoli minn hajtu bla saqaf fuq rasu. Jinghad minn esami tal-aspett socjali ta' dan ir-rapport li l-appellant jghid li l-genituri tieghu kienu it-tnejn jabbuzaw mid-droga u ghalhekk kien qatta' l-ewwel tlett xhur ta' hajtu l-isptar minhabba sintomi ta' tehid ta' droga. Ma jiftakarx zmien li huwa ghex mal-genituri tieghu izda jiftakar li meta kien zghir kien jghix fi istitut sakemm kellu sitt snin. Wara kien spicca fil-Young Peoples Unit fi hdan l-isptar Monte Carmeli. Imbaghad rega mar u ghamel sena ohra fi Istitut u wara rega spicca fil-Young Peoples Unit. Wara xi zmien rega intbaghat jghix f' istitut iehor izda wara sena intbaghat il-Young Peoples Unit. Kif ukoll il-Kids in Development fi hdan Richomnd Foundation. Jidher li fil-fatt donnu dar l-homes kollha ta' Malta u dejjem tkecca minhabba l-attitudni vjolenti tieghu. Ghar-rigward tal familja u cioe l-origini taghha jidher li ghandu kuntatt ma uhud minn hutu. Il-familja min naha ta' misieru hija karetterizzata minn incest, prostituzzjoni, abbuz u attivitajiet kriminali varji u ghalhekk ghazel li ma jzommx kuntatt maghhom stante li jgharaf li mhumiex ta' influwenza tajba ghalih Fil-prezent missieru jinsab jiskonta sentenza ta' prigunerija wara li instab hati tar-reat ta attentat ta' qtil tal-eks siehba tieghu. Fir-rigward ta' ommu Alex spjega li fil-prezent jinsab infurmat li mhux tabbuza mid-droga pero jidher li m'ghandux kuntatt minhabba li fil-passatt ma tatux l-attensjoni u imhabba mehtiega.

Meta ghalaq it-tmintax-il sena beda jghix hajja fejn ma kienx marbut bil-ligi li jirrisjedi f'ambjent kontrollat u baqa' jiddependi fuq residenzi ta' istuzzjonijiet sabiex ikollu fejn jghix. Jinghad li kien tkecca minn kull wahda minn dawn ir-residenzi minhabba l-attitudni vjolenti li immanifesta. Illum qed ighix Ghawdex fejn mghandu l-ebda kuntatt ma membri tal-familja.

L-ufficcjal tal-probabtion tispjega li m'ghandux il-vizzju tad-droga kokaina u Eroina izda meta kellu sittax-il sena kien abbuza mill-haxixa u ghadu sa illum li jiehu din id-droga kull tant, l-ahhar darba kien f' Jannar 2020. Dwar dan pero tghid li ma setghetx tikkonferma ghaliex stante l-epidemija tal-COVID ma kienux qed jihdu testijiet tal-awrina.

Spjegat li madwar xahrejn qabel ma kkompilat ir-rapport taghha l-appellant mar ighix f'Ghawdex b'mod permanenti u dan minhabba li sab akkomodazzjoni li seta izomm finanzjarmaent. Jidher li din il-bidla gabet maghha aspett posittiv u dan ghaliex Alex qata' numru ta' persuni li kienu ta' influwenza negattiva fuqu u zamm biss dawk li jridu gid ghalih. Jidher li ghandu ghal qalbu il-futbal u li ser juza dan l-interess biex ikabbar l-konoxxenzi tieghu gewwa Ghawdex. Jidher li l-appellant sab impieg *full time* ma Magro Brothers kif ukoll ghandu impieg *part time* fi hdan restorant Marsalforn .

L-ufficcjal tal-probation irrakomandat li l-appellant ghandu jinghata Ordni ta' Probation u Servizz bhala piena u dan skont l-artikolu 18 tal kapitolu 466 tal-ligijiet ta' Malta u dan minflok il-piena originali moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Qeda ukoll tirrakomanda li l-element ta' supervizjoni kif ukoll l-ammont ta' sieghat ordnati ghandu jkun wiehed lejn il-massimu. Dan sabiex is-sentenza ikollha l-piz mehtieg u tilhaq l-ghan imsemmi.

Illi l-Qorti ezaminat ukoll ir-rapport imhejji mill-psikologu **Dr Kevin Sammut Henwood** fejn dan gharaf il-background xejn felici li kellu l-appellant fejn sahanstia minn meta kellu tlett snin 'l quddiem huwa dejjem irrisjeda f'xi istituzzjoni. Stqarr li fil-fatt l-appellant trabba minn genituri li t-tnejn kienu jabbuzaw mid-droga u missieru kien jabbuzah b'mod fiziku u anke kien jabbuza minn hutu bniet sesswalment. Ikkonferma li dan kien jigi imkecci mill-istituzzjonijiet minhabba ir-rabja kbira li kellu go fih. Huwa car li ghandu problemi ta' anger mangamenment minhabba il-passat tieghu b'mod partikolari 'his sense of rejection and loss.' Ghalhekk huwa tal-opinjoni li ghandu jindirizza din il-problema tieghu ta' anger management.

Rat ukoll ir rapport imhejji minn Bryan Magro social worker and mentor fejn dan qal li f'dawn l-ahhar erba' xhur huwa kien jiltaqa' ta sikwit mal-appellant u kien izomm l-appuntamenti tieghu b'mod regolari. Qal li kienu ghamlu certi 'goals' u 'targets' li irnexxilu izomm. Tant li irnexxilu jikri post fejn jirrisjedi, applika ghas-sussidju tal-kera u beda jigbor hajtu tant li anke sab impieg regolari u anke jattendi sessjonijiet ghand il LEAP. Bena stabilita u kien qed jipprova jibni futur . Jghid li ghalkemm rregistra progress f'ghemilu xorta ghandu bzonn l-ghajnuna u support biex jiehu certu

decisjonijiet. Fil-prezent kienu qed jahdmu sabiex jamilorawlu 'his time management' u 'his budgetary skills' u dan sabiex ikun iktar independenti u isegwi hajja iktar stabbli u sigura. Qed ighinu jindirizza il-wegghat tieghu tal-passat biex jibni futur ahjar.

Il-Qorti esaminat bir-reqqa dak li intqal mill-ufficcjali tal-probation u rat li l-appellant denunzjant ma tax il-verjsoni tieghu tal-fatti kif esposti mill-ufficcjali tal-probation u fl-ebda mod ma cahad jew ikkontradixxa dak mistqar fil-konfront tieghu kemm mill-probation officer kif ukoll mis-social worker tieghu u anke mill-psikologa.

Illi jidher li l-appellant kien irregistra ammissjoni ghar-reati kif addebitati fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti u dan fis-seduta tat-22 ta' Awwissu 2016[1] ftit wara li tressaq il-Qorti pero cio nonostante erba' snin wara ghadu ghaddej bil-proceduri odjerni il-Qorti.

Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant stqarr li l-piena inflitta ma messitx inghatat u dan ghaliex dak li inqala kien sempliciment ftit disgwid bejn l-ufficcjal tal-probation u l-appellant. Stqarr ukoll li ghalkemm kien minnu li l-appellant ma qaghdx ghal dak kollu mitlub mill-ufficcjal Saviour Lia dan kien rizultat li ma kienx hemm komunikazzjoni siewja bejn l-ufficcjal u l-probation.

Illi spiss kellha okkazzjoni din il-Qorti tirribadixxi illi fi stadju ta' revizjoni mhijiex is-setgha taghha li taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi, billi dan huwa mholli unikament f'idejn l-Ewwel Qorti u huwa biss meta din il-Qorti ta' revizjoni tqies illi dak l-apprezzament kien wiehed erronju kemm fuq bazi fattwali kif ukoll fuq bazi legali, illi allura tigi skossa dik id-diskrezzjoni ezercitata fl-ewwel istanza.[2]

---

[1] Fol. 39

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa dak li irrizulta mill-atti u dan sabiex tara li l-gudizzju milqugh mill-Ewwel Qorti kien wiehed tajjeb a bazi tal-provi imresqa u li konsegwentement il-piena moghtija kienet dik misthoqqa.

Rat li skond is-sentenza moghtija fit-22 ta' Awwissu, 2016 u appuntu l-Ordni tas-Supervizjoni annessa maghha (fol. 43) l-appellant denunzjant *'kellu matul il-perijodu ta' l-Ordni igib ruhu tajjeb joqghod ghad-direttivi kolha tal-Ufficcjal tal-Probabtion'* , ghandu *'izomm kuntatt ma l-Ufficcjal tal-probabtion skond dawk l-istruzzjonijiet li jista minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmi ufficcjal u li javza lill-imsemmi ufficcjal b'kul tibdil fl-indirizz tieghu'* ghandu ukoll *'jircievi viziti mill-ufficcjal sorveljanti gewwa r-residenza tieghu u fuq il-post tax-xoghol tieghu skond id-direttivi ta l-sitess ufficcjal Sorveljanti'* .

Dan ifisser li l-appellant denunzjant kellu izomm kuntatt regolari mal-Ufficcjal Sorveljanti u joqghod ghad-direttivi tieghu.

Jirrizulta mill-atti li minkejja l-isforzi kbar kemm tal-Ufficcjal Sorveljanti kif ukoll tas-social worker sabiex ighinu lid-denunzjant dan webbes rasu u baqa' ghaddej fi triqtu bla ma jaghti kaz id-direttivi taghhom. Hija vera hasra li tara ufficcjal bhal dawn tant dedikati biex ighinu lil min ghandu bzonn l-ghajnuna u minkejja dan ikun hemm rifjut u nuqqas ta' apprezzament ghal dan l-ghajnuna tant misthoqqa specjalment f'dan il-kaz.

Illi quddiem l-Ewwel Qorti d-denunzjant ma riedx ibiddel hajtu u isib impieg regolari u post ta' residenza permanenti izda ghogbu jibqa jghix il-hajja ta' vagabond lil hin minn kull responsabilita u kien ghalhekk li dik il-Qorti ordnat li s-sentejn prigunerija jigu resi effettivi. Ghalhekk f'dawk ic-cirkostanzi l-gudizzju milquh milll-ewwel Qorti kien wiehed *'safe u satisfatory'*. Illum pero jidher li s-sitwazzjoni ma hiex l-istess u li l-appellant qed jaghmel sforz genwin li ibiddel il-hajja tieghu tant li mar jghix fi Gzira ta' Ghawdex, sab impieg ma socjeta reputabbli, sab ukoll impieg *part time,* qed ihallas il-kera ta' fejn qed ighix u qed jghamilha ma nies differenti huwa indizzju car li l-appellant donnu fehem li ma setax jibqa' ghaddej f'dik il-hajja izda ghazel minn rajh

li jibda hajja gdida 'l boghod minn dak li hu imdorri. Jinghad li kemm il-Probation Officer, kif ukoll is-social worker u l-psikologa gharfu li l-appellant irregistra progress f'ghemilu u li qed ighamel minn kollox sabiex jaqta' mill-passat tieghu u dawn il-fatturi din il-Qorti trid taghti kazhom u tawgura li jibqa' ghaddej fit-triq it-tajba

Il-Qorti rat il-pre-sentencing report u rat ir-rakomandazzjoni tal-ufficcjal tal-probation u cioe' li din il-Qorti ghandha taghti Ordni ta' Probabtion kif ukoll Ordni ta' komunita' minflokk ma tikkonferma s-sentenza ta' prigunerija u dan ghaliex kif stqarret l-ufficcjal tal probation viva voce il-Qorti nhar l-14 ta' Lulju 2020 li din hija l-iktar perijodu ta' hajtu fejn l-appellant wera stablita u ghalhekk ghandha tkompli isahhah l-komportament posittiv ta l-istess appellant.

Il-Qorti hija disposta li tghin f'dan il-process billi tittempra l-piena erogata anke jekk b'mod nominali sabiex jifhem li ghad hemm tama u hemm min irid jghinu jekk verament irid li jirriforma ruhu u ghalhekk kemm is-sentenza sospiza u anke l-ordni ta' supervizjoni sejrin jigu estizi u dan tenut kont tal-kambjament pozittiv fl-appellant u tal-htiega li l-appellant ikompli jigi segwit minn ufficjal tal-probation sabiex jibqa' fit-triq it-tajba;

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba tal-appellant sabiex is-sentenza ta' sentejn prigunerija ma tigix reza operattiva u filwaqt li qeda tikkonferma is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn iddikjarat li d-denunzjant Alex Junior Mamo hati li ma qaghdx ghal htiegijiet tal-Ordni ta' Supervisjoni datat 22 ta' Awwissu, 2016 qeda tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn kienet ordnat li s-sentenza datata 22 ta' Awwissu 2016 moghtija fil-konfront tal-appellant fejn gie kkundannat sentejn prigunerija tigi reza operattiva u minflokk qeda a tenur tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tbiddel il-perjodu operatitv specifikat f'dik is-sentenza b'perjodu iehor ta' sentejn li jibda jiddekorri mil-lum u ghalhekk il-piena ta' sentejn prigunerija ma tibdiex issehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum, l-appellant jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

In oltre, a tenur tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tqieghed lill-appellant taht ordni ta' supervizjoni u dan ghal zmien sentejn mil-lum.

Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk matul il-perjodu operattiv, huwa jikkometti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Tordna li kopja ta′ l-ordni ta′ supervizjoni terga′ tigi minnufih komunikata lill-probationer u lill-Ufficjal Principali tal-Probation Annabel Bugeja bil-ghan li tkompli izzomm lill-appellant denunzjant fit-triq it-tajba.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

Qorti tal-Appell Kriminali

Imhallef Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

Il-Pulizija

(Spettur Lara Butters)

(Spettur Joseph Mercieca)

V

**Alex Junior Mamo**

ORDNI TA' SUPERVIZZJONI
[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta]

Seduta ta' llum 28 ta Lulju 2020

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna denunzjata Alex Junior Mamo karta ta′ identita numru 317698(M) giet ikkundannat ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta′ Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta′ dan l-Ordni ta′ Supervizzjoni lil persuna mputataw innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta′ din l-istess Ordni;

Tordna li l-imsemmija persuna mputata titqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal dan il-perjodu taht dawn il-htigijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna denunzjata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal ta' Supervizzjoni, inkluz kull direttivi li l-Ufficjal ta' Supervizzjoni jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna denunzjata ghandha tibqa' zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Ufficjal ta' Supervizzjoni skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Ufficjal ta' Supervizzjoni ikun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Ufficjal ta' Supervizzjoni b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Ufficjal ta' Supervizzjoni kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Ufficjal ta' Supervizzjoni bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess persuna mputata; u

5. Li l-persuna denunzjata tindirizza il-problema tat-tehid ta' droga Cannabis li talvolta tahkimha billi taghti urine tests kul meta tigi hekk msitoqsija ghall-gharrieda.

6. LI ma ibiddilx l-indirizz fejn qed jirrisjedi fil-prezent u cioe flat 4, Giraosle Flats, Triq in-Narcis, Xewkija minghajr pre avviz lill-ufficcjal sorveljanti u f'kaz li hemm bzonn li jbiddel ir-resienza teighu ghandu jinforma lill-isess ufficcjal sorveljanti minnufih bit-tibdil fl-indirizz

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lid-denunzjant, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.

…………………………….

Franklin Calleja

Deputat Registratur